MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 987/2007

**Anthony Zammit**

***Versus***

***M.K. Leisure Limited***

1. F’din il-kawża l-attur qiegħed ifittex għad-danni li ġarrab fuq il-post tax-xogħol.

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża seħħew hekk: l-attur jaħdem għas-soċjetà konvenuta f’*historical re-enactments* tal-Assedju l-Kbir tal-1565 fil-parti ta’ Mustafa Pasha, wieħed mill-kapijiet tat-Torok. Xogħlu hu li joħroġ fil-platea fuq żiemel, idur mat-“truppi” tiegħu fuq iż-żiemel, u jerġa’ jidħol lura. Ġara illi, waqt li kienu qegħdin isiru provi ta’ din ix-xena fit-8 ta’ Jannar 2007, waħda mit-“Torok” għamlet moviment b’lanza u naffret liż-żiemel li fuqu kien riekeb l-attur. Iż-żiemel bħal għotor u l-attur, biex ma jħallix li ż-żiemel jaqa’, ġibdu ’l fuq. Iż-żiemel għolla rasu, laqat lill-attur fuq ix-xedaq u kissirlu xi sinniet.

3. L-attur, billi kien tal-fehma illi l-konvenuta taħti għal dak li ġara, iżda għalxejn sejħilha biex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, fetaħ din il-kawża tallum u fir-rikors maħluf tiegħu talab illi l-qorti, wara illi (i) tgħid illi l-konvenuta weħedha taħti għall-inċident u (ii) tillikwida d-danni, (iii) tikkundanna lill-konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati, flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet.

4. Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

i. it-talbiet huma "lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt";

ii. imiss lill-attur jagħmel prova tal-inċident u tad-debilità illi jgħid illi ġarrab;

iii. l-inċident seħħ bi ħtija tal-attur waħdu; u

iv. imiss lill-attur jagħmel prova tad-danni.

5. Mix-xiehda ħareġ illi, għalkemm id-diriġenti tas-soċjetà konvenuta kienu jagħtu direttivi illi ż-żiemel kellu jitmexxa b'pass bilmod, l-attur kien imexxih b'pass aktar mgħaġġel. Għalkemm kien ikun imwissi biex jimxi skond id-direttivi li kienu jingħatawlu, l-attur xorta kien jagħmel ta' rasu għax kien jidhirlu illi l-effett drammatiku jkun aħjar jekk liż-żiemel imexxih b'pass mgħaġġel.

6. Fattur ieħor li ikkontribwixxa għall-inċident kien il-fatt illi ż-żiemel tmexxa qrib wisq tat-"Torka" li kellha l-lanza f'idha u din ma qagħditx biżżejjed attenta biex liż-żiemel ma tolqtux.

7. Dawn il-fatti jwasslu lill-qorti għall-konklużjoni illi kemm l-attur u kemm is-soċjetà konvenuta jaħtu għall-inċident. L-attur jaħti għax ma obdiex id-direttivi li ngħatawlu dwar kif għandu jmexxi ż-żiemel u wkoll għax resaq qrib wisq tan-nies l-oħra li kienu qegħdin jieħdu sehem fix-xena, b'perikolu għal dawn ukoll. Is-soċjetà konvenuta iżda wkoll taħti, kemm għax, għalkemm kienet taf bid-drawwiet ħżiena tal-attur, u bil-perikolu li dawn joħolqu għalih u għal ħaddieħor, xorta ħallietu jkompli joħroġ fuq iż-żiemel, u wkoll għax ma ħaditx ħsieb li r-rotta mnejn igħaddi ż-żiemel tkun imbiegħda biżżejjed min-nies biex ma jinħoloq perikolu għal ħadd.

8. Għalhekk, fil-fehma tal-qorti, il-ħtija għandha tinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

9. Għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni, il-qorti b'dikriet tat-12 ta' Diċembru 2008 ħatret espert odontojatra li ħalef ir-rapport tiegħu fis-17 ta' April 2009. L-espert kien tal-fehma illi l-attur "ma ġarrab l-ebda

disabilità permanenti kaġun tal-inċident"[1]. Fuq talba tal-attur b'dikriet tat-28 ta' Mejju 2009 inħatru periti addizzjonali u dawn irrelataw fil-5 ta' Marzu 2010.

10. L-esperti addizzjonali sabu illi, ukoll qabel l-inċident, snien l-attur ma kinux miżmuma fi stat tajjeb, u kienu ġà ntilfu xi sinniet għal raġunijiet li ma għandhomx x'jaqsmu mal-inċident. Barra minn hekk, xi snien li fadal jiċċaqalqu minħabba mard tal-ħanek. L-esperti komplew fissru illi ma setgħux jagħtu "perċentwali ta' disabilità minħabba telf tas-snien" u kienu tal-fehma illi l-kumpens li għandu jingħata lill-attur, kemm għall-ispejjeż mediċi li għamel u li għad irid jagħmel, kif ukoll għal "kull inkonvenjenza li … seta' sofra", ma għandux ikun aktar minn elf u sitt mitt euro (€1,600).

11. L-attur ippreżenta ittra[2] minn klinika odontojatrika li tgħid illi saritlu dentatura li kienet tiswa tlitt mitt lira (Lm300) – ftit inqas minn seba' mitt euro (€700) – u illi dentatura li jkollu jerġa' jagħmel aktar 'il quddiem tkun tiswa bejn mitejn u ħamsin u tlitt mitt lira (Lm250-300), bejn ħames mija u tmenin u seba' mitt euro (€580-700). In-nefqa b'kollox għalhekk tista' titla' sa elf u erba' mitt euro (€1,400). Dan jaqbel mal-istima tal-esperti ġudizzjarji meta tqis li dawn qiesu wkoll danni extra-patrimonjali għal "kull inkonvenjenza li [l-attur] seta' sofra".

12. Meta tqis, iżda, illi l-attur kien ikun jeħtieġ kura fi snienu f'kull każ, ukoll li kieku ma seħħx l-inċident, billi kien ġà beda jitlifhom għal raġunijiet oħra, ma huwiex xieraq illi l-konvenuta tħallas – dejjem f'sehem daqs sehemha fil-ħtija – għall-ispejjeż kollha meħtieġa. Għal din ir-raġuni l-qorti tillikwida d-*damnum emergens* fis-somma ta' tmien mitt euro (€800).

13. Ma jidhirx illi l-attur ġarrab debilità li tolqot il-kapaċità tiegħu li jaħdem, u għalhekk ma huwiex il-każ illi jiġi likwidat *lucrum cessans.* Il-qorti iżda hija tal-fehma illi, ladarba l-attur ġarrab leżjoni fl-integrità fiżika tiegħu, u l-integrità fiżika hija valur imħares mill-Kostituzzoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, u hija wkoll valur imħares mill-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-

1 *Fol*. 66.
2 *Fol*. 12.

Unjoni Ewropea, interpretazzjoni tal-liġi ċivili dwar il-likwidazzjoni tad-danni, biex tkun konformi ma' dawk il-liġijiet fondamentali, ma tistax ma tagħtix ukoll kumpens għal-leżjoni nfisha, indipendentement mill-konsegwenzi patrimonjali ta' dik il-leżjoni.

14. Wara li qieset il-fatturi relevanti kollha, fosthom l-istat ta' saħħa ta' snien l-attur ukoll qabel l-inċident, il-qorti tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' sitt mitt euro (€600). Id-danni patrimonjali u extra-patrimonjali b'kollox għalhekk jiġu elf u erba' mitt euro (€1,400). Is-soċjetà konvenuta għandha tagħmel tajjeb għan-nofs, li jiġi seba' mitt euro (€700).

15. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li tgħid illi kemm l-attur u kemm is-soċjetà konvenuta jaħtu għall-inċident f'ishma ndaqs, u tillikwida d-danni fis-somma ta' elf u erba' mitt euro (€1,400), tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur seba' mitt euro (€700) flimkien mal-imgħaxijiet relativi minn dakinhar li saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju. L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------